MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2007

Numru 7/2006

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Louis Mallia**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 7 tas-sena 2006 kontra l-akkuzat Louis Mallia, li bih huwa gie akkuzat talli:

1. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi fit-30 ta' Settembru tas-sena 2004, ghall-habta tas-sitta ta' filghaxija (6:00pm), Gordon Calleja, flimkien mal-mara tieghu Diane, dahlu l-Belt Valletta sabiex jiffirmaw kuntratt. Il-mara tieghu, li kienet qed issuq, waqfet f'Misrah il-Helsien sabiex Gordon Calleja jixtri pakkett sigaretti minn wahda mill-gabbani li hemm fejn il-venda tal-*buses*. X'hin mar jixtri ghand tal-gabbana Calleja lemah lill-akkuzat Louis Mallia u, peress li dan kien gie hdejn ir-residenza tieghu xi tlett-ijiem qabel, Calleja staqsieh x'kien qed jaghmel hemmhekk. Hawnhekk inqala' argument qasir bejniethom.

Wara li Gordon Calleja xtara s-sigaretti u kien miexi lura lejn il-karozza minn fuq il-pont ta’ Bieb il-Belt, l-akkuzat Louis Mallia dolozament, bil-hsieb li joqtol lil Gordon Calleja, jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja tieghu f’periklu car, hebb ghalih u tah diversi daqqiet ta’ mus tant li Calleja sofra diversi feriti f’ghonqu w f’sidru.

Fortunatament, Diane Calleja, li kienet ipparkjat il-karozza vicin Bieb il-Belt b’mod li setghet tara dak li kien qed jigri fuq il-pont, rat lill-akkuzat ihebb ghar-ragel taghha w harget tigri mill-karozza sabiex tassisti lir-ragel. Haditu mmedjatament l-Poliklinika tal-Furjana w minn hemm, minhabba l-gravità tal-feriti, haduh bl-ambulanza l-Isptar. Kien biss l-intervent tempestiv ta’ Diane Calleja kif ukoll ir-rezistenza ta’ l-istess Gordon Calleja – fatturi accidentali w indipendenti mill-volontà ta’ Louis Mallia – li l-hajja ta’ Calleja giet salvata. Effettivament irrizulta wkoll li l-feriti f’sidru kienu jwasslu sa fejn il-pulmun liema feriti kienu jwasslu ghall-mewt tieghu li kieku ma kienx ghall-intervent immedjat tat-tobba.

Illi b’ghemilu l-imsemmi Louis Mallia sar hati ta’ tentattiv ta’ omicidju volontarju w cioè talli, dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew li jqieghed il-hajja taghha f’periklu car, wera dan il-hsieb b’atti esterni w ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt ta’ omicidju volontarju, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volontà tieghu.

Illi b’sentenzi tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fl-ismijiet “Il-Pulizija v. Louis Mallia” tad-19 ta’ April, 1996, “Il-Pulizija v. Louis Mallia et.” tal-15 ta’ Settembru, 1999, “Il-Pulizija v. Louis Mallia” tas-7 ta’ Dicembru, 2001, u b’sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali fl-ismijiet “Il-Pulizija v. Stephen Abdilla et.” tat-3 ta’ Lulju, 1995, “Il-Pulizija v. Louis Mallia” tat-9 ta’ April, 1996, “Il-Pulizija v. Louis Mallia” tal-15 ta’ April, 1996, u “Il-Pulizija v. Louis Mallia et.” tad-19 ta’ Frar, 2003, l-akkuzat Louis Mallia instab hati ta’ diversi delitti.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill-imsemmi Louis Mallia, recidiv f'delitt, hati ta' tentattiv ta' omicidju volontarju w cioè talli, dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni w ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt ta' omicidju volontarju, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volontà tieghu.

Talab li jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija minn tmien snin sa tletin sena b'zieda tal-piena tar-rekluzjoni ghal mhux aktar minn tnax-il perijodu, jew zieda ta' pieni ohra stabbiliti fir-regolamenti tal-habs, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 41(1)(a), 211(1)(2), 49, 50 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi fiz-zmien u fic-cirkostanzi msemmija fl-ewwel kap ta' dan l-att ta' akkuza, u cioè fit-30 ta' Settembru tas-sena 2004, ghall-habta tas-sitta ta' filghaxija (6:00pm), Louis Mallia, fil-Belt Valletta, dolozament, bil-hsieb li joqtol lil Gordon Calleja, jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja tieghu f'periklu car, hebb ghalih u tah diversi daqqiet ta' mus tant li Calleja sofra diversi feriti f'ghonqu u f'sidru. Fil-mument ta' dan id-delitt Louis Mallia kellu fuq il-persuna tieghu arma regolari, liema arma giet effettivament uzata fil-kommissjoni ta' l-imsemmi delitt volontarju fuq il-persuna ta' Gordon Calleja.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Louis Mallia sar hati talli, fil-hin li ghamel delitt volontarju kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tieghu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari, u dan minghajr ghan legittimu.

Illi b'sentenzi tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Louis Mallia" tad-19 ta' April, 1996, "Il-Pulizija v. Louis Mallia et." tal-15 ta' Settembru, 1999, "Il-Pulizija v. Louis Mallia" tas-7 ta' Dicembru, 2001, u b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura

Kriminali fl-ismijiet “Il-Pulizija v. Stephen Abdilla et.” tat-3 ta’ Lulju, 1995, “Il-Pulizija v. Louis Mallia” tat-9 ta’ April, 1996, “Il-Pulizija v. Louis Mallia” tal-15 ta’ April, 1996, u “Il-Pulizija v. Louis Mallia et.” tad-19 ta’ Frar, 2003, l-akkuzat Louis Mallia instab hati ta’ diversi delitti.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill-imsemmi Louis Mallia, recidiv f’delitt, hati talli, fil-hin li ghamel delitt volontarju kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tieghu xi arma tan-nar u arma regolari, w dan minghajr ghan legittimu.

Talab li jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta’ prigunerija ghal zmien ta’ mhux izjed minn tliet snin skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 26(a) ta’ l-Ordinanza dwar l-Armi [Kap. 66], u l-artikoli 49, 50 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista’ skond il-ligi tinghata ghall-htija ta’ l-imsemmi akkuzat.

3. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap talli fiz-zmien u fic-cirkostanzi msemmija fl-ewwel u fit-tieni kap ta’ dan l-att ta’ akkuza, u cioè fit-30 ta’ Settembru tas-sena 2004, ghall-habta tas-sitta ta’ filghaxija (6:00pm), Louis Mallia, fil-Belt Valletta, kellu fuq il-persuna tieghu mus minghajr ma kien debitament licenzjat mill-Kummissarju tal-Pulizija. L-akkuzat fil-fatt ta diversi daqqiet fl-ghonq u fis-sider ta’ Gordon Calleja b’dan il-mus kif gjà spjegat fl-ewwel kap ta’ dan l-att ta’ akkuza.

Illi b’ghemilu l-imsemmi Louis Mallia sar hati talli, kellu f’idejh jew fuqu sikkina b’xafra bil-ponta jew strument iehor bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Illi b’sentenzi tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fl-ismijiet “Il-Pulizija v. Louis Mallia” tad-19 ta’ April, 1996, “Il-Pulizija v. Louis Mallia et.” tal-15 ta’ Settembru, 1999, “Il-Pulizija v. Louis Mallia” tas-7 ta’ Dicembru, 2001, u b’sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali fl-ismijiet “Il-Pulizija v. Stephen Abdilla et.” tat-3 ta’ Lulju, 1995, “Il-Pulizija v. Louis Mallia” tat-9 ta’ April, 1996, “Il-Pulizija v. Louis Mallia” tal-15 ta’ April, 1996, u “Il-

Pulizija v. Louis Mallia et.” tad-19 ta’ Frar, 2003, l-akkuzat Louis Mallia instab hati ta’ diversi delitti.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill-imsemmi Louis Mallia, recidiv f’delitt, hati talli, kellu f’idejh jew fuqu sikkina b’xafra bil-ponta jew strument iehor bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Talab li jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta’ prigunerija ghal zmien ta’ mhux izjed minn sitt xhur skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 13(1) ta’ l-Ordinanza dwar l-Armi [Kap. 66], u l-artikoli 49, 50 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista’ skond il-ligi tinghata ghall-htija ta’ l-imsemmi akkuzat.

4. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fir-Raba’ Kap talli fiz-zmien u fic-cirkostanzi msemmija fl-ewwel kap ta’ dan l-att ta’ akkuza, u cioè fit-30 ta’ Settembru tas-sena 2004, ghall-habta tas-sitta ta’ filghaxija (6:00pm), Louis Mallia, fil-Belt Valletta, dolozament, bil-hsieb li joqtol lil Gordon Calleja, jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja tieghu f’periklu car, hebb ghalih u tah diversi daqqiet ta’ mus tant li Calleja sofra diversi feriti f’ghonqu u f’sidru. Dak il-hin kienu ghaddejin diversi persuni fl-inhawi w dan l-agir kriminali ta’ l-akkuzat kien tali li nissel thassib f’mohh dawn il-persuni dwar l-inkolumità fizika taghhom.

Illi b’ghemilu l-imsemmi Louis Mallia sar hati talli, kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill-imsemmi Louis Mallia, hati talli, kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.
Talab li jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta’ detenzjoni ghal zmien xahrejn skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 338(dd) u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista’ skond il-ligi tinghata ghall-htija ta’ l-imsemmi akkuzat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat il-verdett tal-gurati tal-lum stess , li bih b'sitt (6) voti favur u tlitt (3) voti kontra sabu lill-akkuzat Louis Mallia hati tal-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza kif ukoll li bih unanimament sabu lil Louis Mallia hati tat-Tieni, tat-Tielet u tar-Raba' Kapi tal-Att tal-Akkuza.

Rat il-verbali li bih il-prosekuzzjoni w id-difiza qablu li l-verdett kien registrabbli.

Rat il-verbal li bih il-hati permezz tad-difensur tieghu iddikjara li ma kienx qed jikkontesta l-addebitu tar-recidiva inkluz fl-ewwel, fit-tieni w fit-tielet kapi tal-Att ta' l-Akkuza;

Rat il-verdett ulterjuri tal-gurija tal-lum li bih unanimament iddikjaraw lill-hati Louis Mallia recidiv ghall-fini tal-Ewwel, it-Tieni w t-Tielet Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza;

Tiddikjara ghalhekk lil Louis Mallia, recidiv, hati talli :
1. Fit-30 ta' Settembru, 2004, fil-Belt Valletta, ghall-habta tas-sitta ta' filghaxija, (6pm.) dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna w cioe' lil Gordon Calleja, jew li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt ta' omicidju volontarju, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volontà tieghu b' dana illi b'sentenzi tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Louis Mallia" tad-19 ta' April, 1996, "Il-Pulizija v. Louis Mallia et." tal-15 ta' Settembru, 1999, "Il-Pulizija v. Louis Mallia" tas-7 ta' Dicembru, 2001, u b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Stephen Abdilla et." tat-3 ta' Lulju, 1995, "Il-Pulizija v. Louis Mallia" tat-9 ta' April, 1996, "Il-Pulizija v. Louis Mallia" tal-15 ta' April, 1996, u "Il-Pulizija v. Louis Mallia et." tad-19 ta' Frar, 2003, l-akkuzat Louis Mallia instab hati ta' diversi delitti, w dana skond l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza;
2. Fit-30 ta' Settembru, 2004, fil-Belt Valletta, ghall-habta tas-sitta ta' filghaxija, (6pm.) fil-hin li ghamel delitt volontarju kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tieghu xi arma regolari, u dan minghajr ghan legittimu b' dana illi

b'sentenzi tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Louis Mallia" tad-19 ta' April, 1996, "Il-Pulizija v. Louis Mallia et." tal-15 ta' Settembru, 1999, "Il-Pulizija v. Louis Mallia" tas-7 ta' Dicembru, 2001, u b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Stephen Abdilla et." tat-3 ta' Lulju, 1995, "Il-Pulizija v. Louis Mallia" tat-9 ta' April, 1996, "Il-Pulizija v. Louis Mallia" tal-15 ta' April, 1996, u "Il-Pulizija v. Louis Mallia et." tad-19 ta' Frar, 2003, l-akkuzat Louis Mallia instab hati ta' diversi delitti, w dana skond it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza;

3. Fit-30 ta' Settembru, 2004, fil-Belt Valletta ghall-habta tas-sitta ta' filghaxija, (6pm.) kellu f'idejh jew fuqu sikkina b'xafra bil-ponta jew strument iehor bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija w b' dana illi b'sentenzi tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Louis Mallia" tad-19 ta' April, 1996, "Il-Pulizija v. Louis Mallia et." tal-15 ta' Settembru, 1999, "Il-Pulizija v. Louis Mallia" tas-7 ta' Dicembru, 2001, u b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Stephen Abdilla et." tat-3 ta' Lulju, 1995, "Il-Pulizija v. Louis Mallia" tat-9 ta' April, 1996, "Il-Pulizija v. Louis Mallia" tal-15 ta' April, 1996, u "Il-Pulizija v. Louis Mallia et." tad-19 ta' Frar, 2003, l-akkuzat Louis Mallia instab hati ta' diversi delitti, w dana skond it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza;

4. Fit-30 ta' Settembru, 2004, gol-Belt Valletta, ghall-habta tas-sitta ta' filghaxija, (6pm) kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku w dana skond ir-Raba' kap tal-Att tal-Akkuza.

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensur Dr. M. Mifsud, w is-sottomissjonijiet minnu maghmula dwar il-piena.

Rat il-fedina penali aggornata tal-hati esebita mill-prosekuzzjoni llum stess u li d-difiza hadet konjizzjoni taghha.

Qieset is-sottomissjonijiet kollha tad-difiza li jinsabu registrati w senjatament, izda mhux biss, is-segwenti w cioe' :

1. li l-verdett fuq l-Ewwel Kap kien l-inqas wiehed possibbli ta’ sitt voti kontra tlieta;
2. illi l-incident gara fl-isfond ta’ zmien meta l-hati kien mahkum mill-vizzju tad-droga, vizzju li pero’ issa kemm ilu l-habs irnexxielu johrog minnu;
3. li l-Qorti ghandha tordna li l-perjodu tal-arrest preventiv jitnaqqas minn kull sentenza li tigi biex taghti.

Qieset li l-prosekutur, Dr. Aaron Bugeja, m’ghamilx sottomissjonijiet dwar il-piena w halla f’idejn il-gudizzju tal-Qorti.

Ikkonsidrat :

Illi wara li qieset is-sottomissjonijiet kollha tad-difiza w il-punti li skond id-difensur jimmilitaw favur piena miti, l-Qorti xorta wahda meta, tqis, ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u l-gravita’ w il-potenzjal micidjali tal-offizi li sofra fuq persuntu Gordon Calleja, ma tista’ bl-ebda mod tittratta dan il-kaz b’leggerezza. Fl-istess waqt ma tista’ qatt tqis li ttehid tad-droga mill-hati, li huwa delitt gravi fih innifsu, jista’ b’xi mod iservi bhala attenwanti fil-kommessjoni tar-reati addirittura aktar gravi. Jekk hu minnu dak li allega d-difensur li kemm ilu taht arrest preventtiv, il-hati irrnexxielu jinfatam mill-vizzju tad-droga, dan ghalkemm pass lodevoli, fl-ewwel lok hu pass fl-interess tal-istess sahha tal-hati w xejn aktar.

Illi kif anki gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza **“Il-Pulizija vs. Joseph Azzopardi”** [30.7.2004] : -

*“… bhala regola, meta si tratta ta’ vjolenza fuq il-persuna il-piena ghandha tkun dejjem dik ta’ prigunerija <u>b’ effett immedjat</u> . Il-Qrati ta’ Gustizzja Kriminali ghandhom ikunu minn ta’ quddiem biex b’mod deciziv jirripristinaw l-ordni pubbliku meta dan jigi zventrat mill-arroganza jew il-prepotenza li timmanifesta ruha f’ xi forma ta’ vjolenza fizika .”*

Illi dan il-principju rega’ gie ribadit mill-istess Qorti tal-Appell Kriminali (Kollegjali) fis-sentenza taghha: “**Ir-**

**Repubblika ta’ Malta vs. Domenic Bonnici**” [11.11.2004].

Illi f' dan il-kaz il-hati ghandu fedina penali mill-aktar refrattarja u sa mill-1985 sal-lum hu ssubixxa mhux inqas minn 37 kundanna mill-Qrati ghall-reati li jvarjaw minn feriti gravi, serq ripetut, tentattiv ta’ serq, pussess ripetut ta’ droga eroina w ricettazzjoni ghall-theddid u ngurji tal-membri tal-Korp tal-Pulizija, sekwestru tal-persuna, glied u storbju w diga' gie kundannat tlettax (13) il-darba ghall-piena karcerarja, apparti diversi sentenzi ohra fejn hu jew gie liberat b' kundizzjoni, jew tpogga taht probatioin jew gie immultat. B' dana kollu, matul dawn is-snin kollha hu ma wera ebda sinjal ta' riforma anzi kompla jirranka fil-hajja kriminuza tieghu, b' mod li llum huwa recidiv plurimu w jidher li jirraprezenta minaccja ghas-socjeta'. Dan kollu ma jistax ma jigix rifless fil-piena li trid tigi erogata minn din il-Qorti.

Ghaldaqstant, wara li rat l-Artikoli 41(1)(a), 49, 50, 211(1)(2), 338(dd) u 533 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll l-artikoli 13(1), 26(a) ta’ l-Ordinanza dwar l-Armi (Kap. 66) u wara li kkunsidrat li, ghall-fini tal-piena, r-reati taht it-Tieni w ir-Raba’ Kapi tal-Att tal-Akkuza huma assorbiti fir-reat taht l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza skond l-Artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali, tikkundanna lill-hati Louis Mallia ghal piena komplessiva ta’ wiehed u ghoxrin (21) sena prigunerija li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien li hu ghamel taht arrest preventtiv biss in konnessjoni ma’ dan ir-reat, kif ukoll tikkundannah ihallas l-ispejjez tal-perizji f’din il-kawza li jammontaw ghal tlett mija w wiehed u tmenin liri Maltin u sitta w tmenin centezmi (LM 381.86c).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------